Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 19/2014

**Ph Borg Limited (appellat)**

**Vs**

**Dipartiment tad-Dwana (appellant)**

12 ta' Dicembru, 2016.

1. L-appellata kienet ipproponiet proceduri quddiem it-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva fejn ilmentat li kienet michuda talba biex tinghata licenza sabiex topera bhala negozjant tas-sisa registrat. L-appellata kkontestat id-decizjoni quddiem it-Tribunal, fejn fil-meritu argumentat li t-talba kienet infondata fil-fatt u fid-dritt ai termini tal-artikolu 29(3)(a) tal-Att dwar Dazju tas-Sisa (Kap. 382).

2. Skont l-Artikolu 29A(1) tal-Att dwar Dazju tas-Sisa (Kap. 382), l-appellant ghandu l-awtorita li:

   *"…. Jaghti lil, jirrifjuta li jaghti jaghti jew jirtira awtorizazzjoni minghand persuna sabiex tagixxi bhala **negozjant tas-sisa registrat** jew ta' kustodja ta' mahzen awtorizzat"*.

   F'kaz ta' socjeta, jista' jirrifjuta li jaghti jew jirtira l-awtorizazzjoni, fejn ikun tal-fehma li *"… wiehed mis-socji **ma jkunx persuna idonea u adatta"***.

3. L-aggravji tal-appellant huma:

   i. L-ewwel aggravju jitratta d-decizjoni dwar il fatt li t-Tribunal iddecieda li l-appellant hu kontumaci. L-appellant isostni li skond l-Artikolu 181B tal-Kap. 12, ir-rikors kellu jigi notifikat lill-Avukat Generali. Peress li meta giet prezentata t-twegiba kien ghadu ma giex notifikat lill-Avukat Generali, b'applikazzjoni tal-Artikolu 181B(3) tal-Kap. 12, it-terminu ghat-twegiba kien ghadu ma bediex jiddekorri. Kien ikun iktar floku li t-Tribunal, qabel ta s-sentenza, ta l-opportunita lill-partijiet li jaghmlu sottomissjonijiet dwar din il-materja. Madankollu fil-fehma tal-qorti dan l-aggravju sar bla bzonn. Il-fatt li t-Tribunal qal li t-twegiba giet prezentata tardivament, ma kienx tal-ebda konsegwenza ghall-appellant peress li t-Tribunal qies id-difiza tal-appellant. Fis-sentenza t-Tribunal ta r-ragunijiet ghalfejn xorta kien ser iqies id-difiza tal-appellant kif maghmula fit-twegiba. Ghalhekk din il-parti tas-sentenza

ma kienet tal-ebda pregudizzju ghad-drittijiet tal-appellat bhala intimat fil-kawza.

ii. It-tieni aggravju hu li t-Tribunal ta nterpretazzjoni skorretta lill-Artikolu 29A(2)(c) u (3)(a) tal-Kap. 382. Skond l-appellant, din id-disposizzjoni taghti diskrezzjoni lill-appellant sabiex jissalvagwardja l-erarju pubbliku, dwar jekk ghandux fiducja jew le fil-persuna li ghandha l-intenzjoni li tinnegozja l-prodotti tas-SISA. Il-provvedimenti tal-Kap. 382 huma ntizi sabiex iservu ta' deterrent ghal min ghandu predisposizzjoni sabiex jikser il-ligi. F'dan ir-rigward irrizulta li Borg diga' kellu precedent. Kien jispetta lill-appellant li jiddeciedi mill-idonejita u l-affidabilita ta' negozjant li jaghmel talba sabiex jinghata licenza bhala negozjant ta' prodotti tas-SISA.

F'ittra datata 16 ta' Jannar 2014 (fol. 18), li l-appellant baghat lill-appellata, jinghad:

*"Irrizulta minn din l-indagni li ghamel il-Kummissarju, li direttur tal-kumpannija, Philip Borg, ID 526082M fil-passat* ***ma kienx onest fix-xoghol tieghu mal-Kummissarju*** *u fil-fatt hu ffirma ftehim ai termini tal-Artikolu 63 tal-Kap. 37*

*Ghalhekk l-applikazzjoni ta' Ph. Borg Limited biex issir negozjant tas-sisa registrat qed tkun rifjutata".*

It-Tribunal immotiva d-decizjoni, li biha hassar id-decizjoni tal-appellant, f'dan is-sens:

*"Mill-provi prodotti rrizulta li fl-2010 Philip Borg kien instab fil-pussess ta' gasoil zdazjat, li huwa prodott ikkontrollat u soggett ghad-dazju tas-Sisa, in vjolazzjoni tad-disposizzjonijiet tal-Ligi dwar id-dazju tas-Sisa. Irrizulta wkoll li ma ttiehdu l-ebda passi legali fil-konfront ta' Philip Borg ghaliex a tenur ta' l-Artikolu 63 tal-Kap.37 talLigijiet ta' Malta, l-Ordinanza tad-Dwana, il-Kummissarju, bi ftehim ma' l-istess Philip Borg, minflok impona fuqu penali. In effetti mid-dokument a fol. 34 tal-process jirrizulta li in konnessjoni ma' dan il-kaz Philip Borg kien accetta illi minflok ma jinbdew proceduri legali fil-Qorti: (i) inhallas id-Dazju, Taxxi u Multi dovuti hekk kif imsemmi fil-ligi tad-Dwana Kapitlu 37, Artiklu 63 – li ammontaw ghal €102 bhala taxxa tas-sisa u €102 bhala multa; (ii) inhallas it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud (VAT) u multa dovuta – li ammontaw ghal €80 bhala VAT u €80 bhala multa; (iii) nikkonferma li llum id-diesel mizmum huwa già proprjetà tal-Gvern ta' Malta. Bhala fatt Philip Borg hallas l-ammont totali ta' €416, liema ammont kien jinkludi wkoll l-ispejjez ta' l-analizi mill-laboratorju ammontanti ghal €132.*

*Is-socjetà Rikorrenti tikkontendi li ghalkemm Philip Borg kellu din il-kwistjoni mal-Kummissarju, dan kien kaz izolat, fejn per di più l-ammont ta' dazju involut kien wiehed zghir, u ghalhekk lill-istess Philip Borg, u konsegwentement lis-socjetà Rikorrenti, ma ghandux jibqa' jigi ppenalizzat minhabba f'dan il-kaz tul ilkumplament tal-kors tan-negozju u hajja lavorattiva tieghu. L-Intimat da parte tieghu jikkontendi li tax warehouse keeper ladarba qed jopera taht duty suspension qed jigi fdat bir-revenue tal-Gvern jigifieri hemm element ta' fiducja qawwija ghaliex qed jigi fdat illi*

*jahzen prodotti dazjabbli under duty suspension, jigifieri minghajr il-hlas tad-dazju, u jkun kontrollat b'management program mid-dipartiment u hemmhekk allura l-element ta' fiducja irid ikun wiehed kbir u ladarba Philip Borg ma kienx affiddabbli f'ammont zghir wisq inqas jista' jitqies affidabbli f'ammonti kbar.*

*It-Tribunal wara li qies il-kaz pendenti quddiemu u b'mod partikolari wara li qies l-Artikolu 63 tal-Kap.37 tal-Ligijiet ta' Malta, wasal ghall-konkluzjoni li fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz id-decizjoni ta' l-Intimat hija nieqsa mill-proporzjonalità u konsegwentement ma hijiex wahda ragjonevoli.*

*Minn ezami ta' dak provdut fl-Artikolu 63 tal-Kap.37 tal-Ligijiet ta' Malta, li jittratta dwar l-imposizzjoni ta' pieni bi ftehim, jirrizulta b'mod car li dak il-provvediment tal-Ligi jigi applikat biss f'cirkostanzi fejn il-Kummissarju jidhirlu li l-vjolazzjoni involuta tkun wahda ta' importanza zghira.*

*Ghalkemm illum l-Artikolu 63 tal-Kap.37 tal-Ligijiet ta' Malta jittratta dwar diversi sitwazzjonijiet ta' vjolazzjoni, fiz-zmien meta wettaq il-vjolazzjoni Philip Borg l-imsemmi artikolu tal-Ligi kien jipprovdi li b'dak kollu li jinsab f'xi disposizzjoni ohra ta' din l-Ordinanza, fil-kaz ta' xi irregolarità li jekk ma tinqabadx, ikun telf ta' dazju tad-dwana ta' mhux izjed minn elf mija u erbgha u sittin euro u dusgha u sittin centezmu (1,164.69), il-Kummissarju jista', b'ftehim mal-importatur, jimponi penali li tkun daqs id-dazju li seta' ntilef minflok procedimenti f'qorti: Izda d-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu jistghu jigu wkoll applikati fil-kaz ta' kontravvenzjonijiet ta' din l-Ordinanza li jkunu ammont ta' dazju perikolat ghandu jitqies, ghall-finijiet ta' dan l-artikolu li jkunu ekwivalenti ghal hamsa fil-mija talvalur ta' l-oggetti u qabel ma' gie introdott il-kuncett tal-quantum tad-dazju perikolat l-imsemmi artikolu tal-Ligi kien japplika f'kaz ta' infrazzjoni ta' importanza zghira.*

*Ladarba l-Kummissarju deherlu li fir-rigward ta' Philip Borg seta' japplika l-imsemmi artikolu tal-Ligi, ghaliex dan l-artikolu huwa fakoltattiv fuq il-Kummissarju u mhux tassattiv in kwantu t-test tal-Ligi kjarament jipprovdi li il-Kummissarju jista' u mhux ghandu bi ftehim ma' l-importatur jimponi penali flok jittiehdu proceduri legali, liema artikolu jigi rabit kien applikbbli biss fejn id-dazju perikolat ma kienx f'ammont kbir, it-Tribunal hu tal-fehma li ma huwiex gust, proporzjonali u ragonevoli li llum dak l-istess kaz jirrendi lil Philip Borg qua Direttur tas-socjetà Rikorrenti persuna mhux idoena w adatta ghall-finijiet ta' awtorizzazzjoni sabiex limsemmija socjetà tagixxi bhala negozjant tas-sisa registrat.*

*Il-kuncett tal-proporzjonalità fid-dritt amministrattiv jirrikjedi li kull att ta' amministrazzjoni pubblika ghandu jkun proporzjonat skond l-iskop tieghu u l-effett li jipproduci. Fi ftit kliem l-ezercizzju tas-setgha ma ghandux ikun eccessiv kemm filmezzi wzati kif ukoll fil-konsegwenzi tieghu. Issa, filwaqt li huwa veru li fil-passat Philip Borg zbalja, ghal liema zball però irrimedja, u huwa veru wkoll li r-rwol ta' negozjant tas-sisa registrat huwa rwol ta' fiducja, meta wiehed iqis id-diversi prekawzjonijiet u salvagwardji li l-Intimat jista' jiehu fir-rigward ta' l-operat ta' kustodju ta' mahzen awtorizzat u ta' negozjant tas-sisa registrat a tenur ta' l-Artikoli 10 u 10A tal-Kap.382 tal-Ligijiet ta' Malta, bhal ad ezempju l-ghoti ta' garanzija da parte tal-kustodju jew negozjant skond il-kaz ghall-hlas tad-dazju, li hi biss wahda mis-salvagwardi u prekawzjonijiet a disposizzjoni tal-Kummissjaru, in-nuqqas ta' proporzjonalità fid-decizjoni ta' l-Intimat fil-kaz in ezami huwa lampanti.*

*Fil-fehma tat-Tribunal fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz l-Intimat seta' jittutela d-dhul tal-Gvern u jaccerta ruhu mill-konformità tas-socjetà Rikorrenti ghall-obbligi*

*bhala negozjant tas-sisa registrat ma jmur ghall-estrem li nettament jichad it-talba tas-socjetà Rikorrenti. Fil-fehma tat-Tribunal ghalhekk, ladarba d-decizjoni ta' l-Intimat hija hekk nieqsa mill-proporzjonalità u konsegwentement mhux ragjonevoli, ma jisthoqqx li l-istess decizjoni tigi minnu kkonfermata".*

4. Subinciz (3) tal-Artikolu 29A tal-Kap. 382 iservi ta' gwida ghall-appellant meta jigi biex jiddeciedi dwar jekk persuna hijiex idonea jew adatta sabiex tagixxi bhala negozjant tas-sisa registrat jew ta' kustodju ta' mahzen awtorizzat. Dan is-subinciz jelenka l-kazijiet **fost ohrajn**, meta persuna ghandha titqies bhala mhux idonea jew adatta. Ghalhekk jista' jkun hemm kazijiet ohra li ma jissemmew f'subinciz (3) u xorta jwasslu biex il-persuna titqies bhala mhux idonea jew adatta. Wiehed mill-kazijiet li jissemma f'dan is-subinciz hu: *"(a)* ***<u>fl-attivitajiet taghha mal-Kummissarju</u>*** *tkun nieqsa mill-onesta', integrita' u kompetenza"*. Id-decizjoni tal-appellant li jirrifjuta l-applikazzjoni tal-appellat sabiex jigi registrat bhala negozjant tas-sisa registrat, hi evidentement bazata fuq din ir-raguni tant hu hekk li:

(a) Fl-email tal-4 ta' Ottubru, 2013, paragrafu (a) jissemma bhala r-raguni ghalfejn giet rifjutata l-applikazzjoni.
(b) Fl-ittra tas-16 ta' Jannar 2014 li l-appellant baghat lil Philip Borg, jinghad li l-applikazzjoni giet rifjutata ghaliex fil-passat l-istess persuna *"ma kienx onest fix-xoghol tieghu mal-Kummissarju...."*
(c) Fit-twegiba li l-appellant ipprezenta quddiem it-Tribunal, jinghad li t-talba ghat-thassir tad-decizjoni tal-appellant hi, *"....**infondata fil-fatt u fid-dritt ai termini tal-Artikolu 29A(3)(a) tal-Kap. 382**: (v) Illi jirrizulta li l-kumpannija rikorrenti fl-attivitajiet taghha precedenti mal-esponent naqset mill-kompetenzi, il-kredibilita u l-fiducja necessarja stante li, kif se jigi ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kaz, id-direttur taghha Philip Borg ikkommetta offizi kontra l-provvedimenti tal-Kap. 382 senjatament fiz-zamma illegali ta' gasoil"*.

5. Id-decizjoni li ha l-appellant kienet minhabba l-kaz li Philip Borg kellu fl-2010, meta nstab fil-pussess ta' *gasoil* u li fuqu ma thallsitx it-taxxa tas-sisa u Taxxa Fuq il-Valur Mizjud. F'dan ir-rigward kien wasal fi ftehim mal-appellant, fejn hallas is-somma ta' €416 li tikkonsisti f'Taxxa tas-Sisa, Taxxa Fuq il-Valur Mizjud, multa u spejjez ta' analizi mill-laboratorju (fol. 26). Il-kaz inghalaq b'dak il-ftehim.

6. Fil-fehma tal-qorti dan kien kaz fejn pjuttost kellu japplika paragrafu (c) ta' subinciz (3) tal-artikolu 29A tal-Kap. 382, u cjoe' persuna ghandha titqies mhux idoneja jew adatta fejn tikser, *"xi wahda mid-disposizzjonijiet ta' dan l-Att jew ta' xi Att iehor relatat mad-Dwana"*. L-appellant kien fil-pussess ta' *gasoil* li fuqu l-qorti fehemet li ma thallsitx taxxa tas-sisa u li ma kienx qieghed jinzamm f'mahzen tas-sisa. Fil-fatt sar il-ftehim minflok inbdew proceduri legali kontra tieghu. L-ispjegazzjoni li ta Philip Borg meta xehed fis-

seduta tas-27 ta' April 2015 dwar kif instab dan il-gasoil fil-pussess tiegħu, ma taqbilx ma' dik li ta f'email datata 4 ta' Settembru, 2013. Fl-email kien għarraf lid-Dipartiment tad-Dwana li, *"…. 200ltrs which were found in my tank which supply diesel to the engine of the truck and not in the customers tank, this happened as I already said that time that **I put kerosene instead of diesel by mistake in the tank** that's why it had high sulphur in it and the national marker was ok"* (fol. 17). Ma nghatat l-ebda raguni ghalfejn id-diskrepanza u ghalhekk il-verzjoni mhijiex konvincenti. Madankollu kif rajna l-applikazzjoni ma gietx rifjutata minhabba r-raguni li tissemma f'paragrafu (c) izda ghar-raguni li tissemma f'paragrafu (a). Raguni li fil-fehma tal-qorti qeghda tipprospetta xenarju differenti minn dak li wassal ghal ftehim li sar f'Marzu 2010 bejn Philip Borg u l-appellant. Il-kaz li kellu Philip Borg fl-2010 ma kienx wiehed relatat ma' attivitajiet (fit-test Ingliz, *dealings*[1]) li l-appellant kien qed ikollu mal-appellant, izda kaz semplici fejn fil-pussess ta' Philip Borg instab ammont ta' *gasoil* f'post li ma kienx mahzen tas-sisa u li fuqu ma kinitx thallset it-Taxxa tas-Sisa u t-Taxxa Fuq il-Valur Mizjuda. L-istharrig li kellu jaghmel it-Tribunal mid-decizjoni tal-appellant kienet ovvjament tar-raguni li fuqha l-appellant ibbaza r-rifjut tal-applikazzjoni, u mhux xi raguni ohra li tissemma f'subinciz (3) tal-artikolu 29A. Gialadarba f'dan il-kaz ma rrizultax li l-kaz kellu x'jaqsam ma' attivita (*dealings*) ghaddejja bejn l-appellant u Philip Borg, kien zbaljat ir-rifjut tal-applikazzjoni a bazi tal-paragrafu (a) ta' subinciz (3) tal-artikolu 29 tal-Kap. 382. Ghaldaqstant ghal raguni differenti minn dik li ta t-Tribunal fis-sentenza, il-qorti xorta tikkonkludi li d-decizjoni tal-appellant ma kinitx korretta.

7. It-tielet aggravju jitratta l-kap tal-ispejjez, li pero' ma jibqax rilevanti gialadarba l-appellant ma nghatax ragun fil-meritu.

**Ghal dawn ir-ragunijiet tichad l-appell bl-ispejjez kontra l-appellant**.

Anthony Ellul.

[1] *"they lack honesty, integrity or competence **in their dealings with the Commissioner**".*